# L-UNIVERSITÀ FI ŻMINIJIETNA

mill-Professur Ġ. Aquilina

Meta soċjetà tgħaddi minn żmien għal ieħor, ħafna drabi tgħaddi minn taqliba ta' ideat, strutturi amministrattivi u akkademiċi miġbudin mill-forza ta' ħtiġijiet ġodda li l-edukazzjoni tal-pajjiż ikollha tadatta ruħha għalihom. L-Università tagħna, li bħal issa għaddejja minn taqlib kbir, biex ma tiġġarrafx jeħtiġilha, bħal istituzzjonijiet edukattivi oħra, tadatta ruħha għal żminijietna. Bil-kelma "żminijietna" għandna nifhmu is-soċjetà ta' żmienna kif din qiegħda titbiddel il-ħin kollu.

L-Università ma tistax tibqa' magħluqa fiha nfisha, bħal kastell fuq quċċata ta' muntanja, imma jeħtiġilha li tistudja l-qagħda ġdida tagħha fi żmienna u tipprova taqdi l-ħtiġijiet tal-pajjiż mill-aħjar li tista', sakemm dawn huma ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tagħha.

Hawnhekk tinħass il-ħtieġa tal-kooperazzjoni ta' l-Università mal-Gvern u tal-Gvern ma' l-Università. Din il-kooperazzjoni tista' ssir waqt li t-tnejn jibqgħu jirrispettaw il-fruntieri li jifirdu l-edukazzjoni tal-poplu mill-politika tal-partiti, għax malli jitneħħew dawn il-fruntieri, titneħħa kull idea ta' edukazzjoni. Dak li lili jħassibni ħafna hu li, flok iħarsu 'l quddiem biex jaraw kif jistgħu jtejbu dak li mhux tajjeb biżżejjed u jwarrbu dak li hu ħażin, x'uħud qed iħarsu wisq lura, ifittxu x-xagħra fl-għaġina, wieħed iwaħħal fl-ieħor donnu ħadd ħlief ħadd ieħor m'għandu l-ħtija tal-ħsara li l-edukazzjoni tal-pajjiż ilha ġġarrab, l-aktar minħabba l-politika tal-partiti u l-ideoloġiji partiġġjani.

Il-problema tal-progress fl-edukazzjoni hi dejjem problema tal-awtoritajiet bħal ma hi f'kull kamp ieħor. Awtoritajiet ħżiena, pajjiż rasu 'l isfel bħal vapur għall-għarqa. Jekk l-awtoritajiet ikollhom *mentalità pożittiva*, dawn jistgħu jagħmlu ħafna għat-titjib tal-pajjiż b'mod ġenerali, u ta' l-Università b'mod partikulari; imma, minn naħa l-oħra, jekk jinzertaw ta' *mentalità negattiva*, nies li jgħidu le għal kull proposta li ma ħarġetx minn rashom, u erħilhom ifixklu l-inizjattivi tajba ta' ħaddieħor flok jimbuttawhom 'il quddiem, il-pajjiż jaqbad in-niżla tar-rovina. Jekk jiġri dan, nistgħu ngħidu li l-edukazzjoni f'Malta flok timxi 'l quddiem sa tiġbed lejn il-qabar tagħha.

Għalhekk hu meħtieġ ħafna li dawk kollha li, b'xi mod jew ieħor, għandhom is-setgħa u huma mħallsin għaliha (kull setgħa toħloq magħha dmir u responsabbiltà) jiddeċiedu kustjonijiet ta' edukazzjoni b'moħħ miftuħ u qalb flokha, jiltaqgħu flimkien, mhux biex wieħed jieħu r-raġun fuq l-ieħor, imma biex wieħed jitħaddet ma' l-ieħor u, għall-inqas fejn ma jistax isir ftehim sħiħ, isir dak il-kompromess li wieħed jista' jsejjaħlu s-sintesi ta' konflitt ta' ideat imlaqqgħin f'punt ta' qbil. Tabilħaqq, meta d-differenzi jiltaqgħu u jitħalltu għax ikun hemm ir-rieda tajba min-naħa l-waħda u mill-oħra, jintlaħqu l-kompromessi meħtieġa. Qed ninsisti fuq dan l-ispirtu ta' kooperazzjoni u kollaborazzjoni għaliex il-progress fl-edukazzjoni huwa ħafna drabi kustjoni ta' personalità pożitiva jew negattiva min-naħa ta' dawk responsabbli għall-edukazzjoni tal-pajjiż. Il-Gvern għandu kull dritt jitlob il-kooperazzjoni ta' l-Università fl-iżvilupp ta' studji li għandhom x'jaqsmu ma' interessi nazzjonali li huma diversi, u li għalhekk, m'għandix għax insemmihom kollha. Il-Gvern, min-naħa tiegħu, m'għandu bl-ebda mod iħassar wiċċ l-Università billi jneħħilha l-karatteristiċi li jagħżluha minn istituzzjonijiet edukattivi oħra għax meta jsir kollox ħal-lata ballata tispiċċa l-idea ta' università kif jifhmuha dawk li jafu x'inhi università tabilħaqq. Il-kooperazzjoni trid issir miż-żewġ naħat, imma ż-żewġ naħat iridu jaqblu li l-fruntieri għandhom jibqgħu. M'għandix f'rasi fruntieri li *jifirdu*, imma fruntieri li *jagħżlu* tip ta' istituzzjoni minn oħra, Politeknik minn Università, ngħidu aħna, għax, nirrepeti, meta sistema ta' studji ma tibqax tingħażel minn oħra, lanqas l-università ma tibqa' tingħażel minn istituti edukattivi oħra.

X'għandu jsir minn naħa ta' l-Università biex tiġġustifika lilha nfisha bħala università? It-tagħlim ma jsirx fl-Università biss; isir ukoll f'istituzzjonijiet edukattivi oħra. Mela sa hawn biss l-Università ma tistax tingħażel minn istituti edukattivi oħra. Sa hawn biss m'hemmx x'jagħżel l-Università mill-M.C.A.S.T. Biex l-Università tingħażel minn istituzzjonijiet edukattivi oħra, din għandha ssaħħaħ dak li jagħżilha minnhom, jiġifieri ir-*research* fid-diversi Fakultajiet biex dan iservi ta' bażi għall-kontenut tal-*lectures* minn kors għal ieħor, u tgħinu jixxandar biex jintlaħaq u jitgawda missoċjetà billi tibni fond qawwi għall-pubblikazzjoni tar-*research* bis-serjetà u bis-saħħa ta' dawn il-pubblikazzjonijiet tintrabat iżjed ma' l-universitajiet ta' barra. Fl-aħħar mill-aħħar, min sa jidħol għar-*research* jekk ix-xogħol miktub fuq dak ir-*research* jibqa' fil-kexxun? Jekk l-Università ma ssaħħaħx dawn iż-żewġ at-

tivitajiet ma jkollhiex x'jagħżilha minn istituzzjonijiet edukattivi għolja oħra ħlief is-suġġetti li xi drabi jistgħu jkunu l-istess suġġetti mgħallmin f'istituzzjonijiet mhux universitarji ngħidu aħna fil-Politeknik.

Università li ssaħħaħ biss il-magna amministrattiva tagħha mingħajr, fl-istess ħin, ma ssaħħaħ il-forza tat-*teaching staff* u lil dawn tipprovdilhom mezzi aħjar għar-*research*, u pubblikazzjonijiet, biż-żmien titlef id-dritt li tibqa' teżisti.